



# Il-Verbi Mnisslin

## Il-Verbi tat-Tieni u l-Ħames Forma

# Mhux Ewlieni biss...

- Il-verb tal-1el forma huwa l-verb ewlieni.
- Fil-Malti għandna ħafna iżjed verbi li huma mnisslin, jew mill-1el forma, jew minn kliem ieħor li jista' jkun nom jew aġġettiv.

| | | |
|---|---|---|
| eż. | xemx (nom) | **xemmex** (verb) |
| | sabiħ (aġġettiv) | **sebbaħ/ sbieħ** (verb) |

# Il-Verb tat-Tieni Forma



- Jirdoppja t-2ni konsonanti tal-verb fl-1el forma.

| | |
|---|---|
| eż. ħadem | ħa**dd**em |
| qabeż | qa**bb**eż |
| mexa | me**xx**a |
| qata' | qa**tt**a' |

- Fit-2ni forma, il-verb qed juri li l-azzjoni qed issir fuq xi ħadd jew xi ħaġa oħra. L-**aġent** (min jagħmel l-azzjoni) jagħmel azzjoni fuq xi ħadd jew xi ħaġa, il-**pazjent**.

# Azzjoni li tiċċaqlaq



1. **It-tifel mexa bil-mod.**

L-azzjoni qed jagħmilha t-tifel fuqu nnifsu.

2. **It-tifel mexxa l-kaxxa.**

L-azzjoni qed titlaq mit-tifel u dan jagħmel forza fuq il-kaxxa.

# Nirduppjaw il-konsonanti tan-nofs fl-għerq

| | | |
|---|---|---|
| Eż. dar – d-w-r | daw**w**ar | verbi dgħajfin |
| sar – s-j-r | saj**j**ar | j/w |
| fieq – f-j-q | fej**j**aq | fl-għerq |

- L-għerq tal-verbi fit-2ni forma jrid ikun dejjem trilitteru, għalhekk b'konsonanti waħda fin-nofs.



# Mhux dejjem insibu verb tal-ewwel forma



- Xi verbi jinstabu biss fit-2ni forma u għalhekk m'għandhomx l-1el forma għax din intilfet maż-żmien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż. | farrak | - *farak** | mamma |
| | għallem | - *għalem** | mitlufa |
| | ċarrat | - *ċarat** | |

# Il-verbi tal-ħames forma

- Dawn il-verbi jiġu mit-2ni forma għalhekk għandhom doppja fin-nofs ukoll.
- Fuq quddiem tat-2ni forma jżidu l-performattiva **t**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| eż. | ħaddem | - | **t**ħaddem |
| | qabbeż | - | **t**qabbeż |
| | mexxa | - | **t**mexxa |

# Il-performattiva **t**




- Meta l-verb ikun jibda bil-konsonanti **ċ,d,ġ,s,x,ż,z** jinfluwenzaw il-performattiva **t** u allura din tinbidel u ssir bħalhom.

eż. daħħal - *tdaħħal**- **dd**aħħal

ċarrat - *tċarrat** - **ċċ**arrat

xemmex - *txemmex**- **xx**emmex

# It-tifsira tal-verb fil-ħames forma

- Il-verb tal-ħames forma jġorr tifsira passiva.

Eż. **It-tifel mexxa s-siġġu.**
(attiva) It-tifel jagħmel azzjoni.

**Is-siġġu tmexxa.**
(passiva) Is-siġġu jirċievi l-azzjoni.

